MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 9/2003/1

**George u Juliette konjugi Attard**

**vs**

**Rosario u Maria konjugi Agius**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi l-konjugi Attard huma s-sidien ta’ raba maghrufa bhala ta’ “Hal Drieri” li jinsab fil-limiti ta’ Haz-Zebbug.

Illi din ir-raba hija prezentament mikrija lill-intimati versu l-qbiela ta’ tlett liri u hamsin centezmu (Lm3.50) fis-sena, jithallsu kull Santa Marija.

Illi l-istess raba mhux fonti importanti ghall-ghixien tal-intimati.

Illi r-rikorrenti jehtiegu r-raba in kwisjoni biex tigi uzata minnhom ghall-skopijiet agrikoli.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba u dan fi zmien iffissat ghal dan l-iskop, salv kull dritt spettanti lill-intimati ghal benifikati.

Ra r-risposta tal-intimati:

Illi t-talbiet rikorrrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-intimat ghandu bzonn ir-raba de quo ghalih innifsu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha l-provi u ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza ghar-ripresa ta' raba' minn sid li jghid li jehtieg l-istess ghal-skopijiet agrikoli. Ir-rikorrent huwa full-time lecturer fid-dipartiment tal-agrikoltura tal-Universita' filwaqt li martu hija registrata bhala part-time farmer mal-ghammieri izda hija mara tad-dar. Ir-rikorrenti xehed illi huwa jixtieq din l-ghalqa biex jaghmel progett agrikolu u ottjena, kif jirrizulta esebit in atti, l-permessi mehtiega mill-awtoritajiet biex jibni serer fuq l-art *de quo* in sostenn tal-hsieb tieghu.

L-intimat xehed illi huwa jahdem bhala welder id-Dockyard u ghandu erbat'itfal li minnhom wiehed biss jahdem u l-ohrajn jiddependu minnu. Ghalhekk din l-ghalqa hija fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Huwa ghandu ghelieqi ohra mqabbla ghandu u minnhom ibiegh prodott valur ta' qrib it-tlett elef liri maltin. L-intimat ressaq prova dokumentarja dwar dak li xehed konsistenti f'kopji ta' "returns" tat-taxxa u dokumenti simili u qal li minn din l-

ghalqa wahedha jiggenera madwar elf u hames mitt lira maltin.

Illi l-periti membri tal-Bord accedew fl-ghalqa u hemm innotaw li dan ir-raba', ta' kejl ta' cirka erbat itmiem, kellu wicc patata u ghandu hazna zghira ta' ilma. Kollox kien juri li dan ir-raba huwa koltivat;

Illi fl-ezami ta' kawzi ta' din in-natura huwa ritenut mill-Qrati taghna illi l-Bord jehtieg qabel xejn ikun konvint illi s-sid ikun jehtieg l-art biex jinhadem minnu jew mil-familja tieghu. Sa dan l-istadju, dan l-Bord ma jarax ghaliex m'ghandux jemmen lir-rikorrenti li jehtiegu l-ghalqa biex tinhadem minnhom. Huma ghandhom x'jikkoroborhom fit-talba taghhom sia ghaliex ir-rikorrenti huwa gradwat u ghalliem fl-agrikoltura u ghaliex martu gia hija registrata bhala part-time farmer. Minkejja dan, izda, ai termini tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199 kominat mal-insjenjament tal-Qrati taghna (ara **Carmelo Mifsud et vs Carmelo Fenech App 9.04.1979** u **Joseph Aquilina vs George Camilleri 26.10.1983** fost ohrajn), il-Bord jehtieg inoltre jezamina il-konkors bejn is-segwenti zewg elementi f'talbiet simili, u cioe, sew li l-kerrej irid jipprova li r-raba' huwa fonti ghal ghixien tieghu jew tal-familja tieghu kif ukoll illi l-kerrej ser ibati iktar min sid il-kera jekk it-talba tieghu tkun milqugha (ara decizjonijiet citati supra).

L-intimat xehed b'mod car u sostna is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu billi pprezenta kopja ta' dokumenti ufficcjali. Ir-rikorrenti ippuntwalizza l-fatt illi l-intimat kien il-propretarju ta' raba iehor li jmiss propju mar-raba *de quo* u ghazel li jbieghu lil terzi ghal prezz ta' disat elef liri Maltin pero' ma ntqal xejn aktar dwar dan u ghalhekk il-Bord, bhal haddiehor, jista' jara diversi ragunijiet ghaliex dan seta' sar fosthom l-htiega ingenti li tkun likwidata l-proprjeta' li f'tali kaz allura tipprova l-htiega rikjesta mill-istess intimat.

Fl-assjem tal-provi mressqa, l-Bord huwa konvint li b'decizjoni favur ir-rikorrenti, l-intimat ser ibati aktar minn

sid il-kera u ghalhekk il-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispjejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------